Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 71/14

**Joseph Galea (appellat)**

**vs**

**Alfred Galea u b'digriet datat 25 ta' Ġunju 2014 l-atti ġew trasfużi f' isem Josephine Galea, Carmel Galea u Joseph Galea, stante l-mewt ta' Alfred Galea (appellanti)**

18 ta' April 2017

1. **Din hija kawża għall-ħlas ta' €1,287.49 rappreżentanti kont tad-dawl u l-ilma.**

2. Fl-avviż tiegħu ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2014 quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar l-attur ippremetta li l-fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa jinsab fil-pussess tal-konvenut Alfred Galea iżda l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma relattivi għal tali post huma addebitati lilu (l-attur). Għalhekk talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' €1,287.49 rappreżentanti l-ammont tal-kont tad-dawl u l-ilma li għandu pendenti f' ismu, bl-ispejjeż u bl-interessi mid-data tal-preżentata tal-avviż kontra l-konvenut.

3. Fil-25 ta' Frar 2014 miet il-konvenut Alfred Galea, u fil-25 ta' Ġunju 2014 it-Tribunal laqa' t-talba ta' martu Josephine Galea u ta' uliedu Carmel u Joseph Galea biex l-atti tal-kawża jiġu trasfużi f' isimhom.

4. Fir-risposta tagħhom ippreżentata fil-11 ta' Lulju 2014 il-konvenuti Josephine, Carmel u Joseph Galea eċċipew illi l-fond in kwistjoni kien inkera lil Joseph Galea & Sons[1], u li illum il-partijiet huma parti ta' dan in-negozju. Għalhekk sostnew illi kwalsiasi ammont dovut lil ARMS Ltd in konnessjoni ma' kontijiet

[1] negozju li kien ġestit mill-attur Joseph Galea u d-defunt konvenut Alfred Galea flimkien ma' missierhom Joseph Galea.

ta' dawl u ilma relattivi għal dan il-fond kellu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

5. Fid-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lill-konvenuti biex iħallsuh is-somma intiera ta' €1,287.49 kif mitluba minnu, bl-imgħax dekorribbli mid-data li fiha l-attur jagħmel il-ħlas relattiv lis-soċjeta` ARMS Limited sad-data tal-ħlas effettiv. Bl-ispejjeż a karigu tal-istess konvenuti.

6. Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati b' din is-sentenza tat-Tribunal u għalhekk fil-5 ta' Jannar 2015 intavolaw rikors tal-appell quddiem din il-qorti fejn talbuha tħassar, tirrevoka u tannulla tali sentenza u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom.

7. L-attur, fit-23 ta' Jannar 2015 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza tat-Tribunal konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

8. **L-aggravju tal-konvenuti appellanti.**

Il-konvenuti appellanti jaċċennaw għall-fatt illi meta Alfred Galea biddel iċ-ċavetta tal-bieb (jew aħjar, għamel katnazz mal-bieb) tal-fond li minnu hu u ħuh l-attur Joseph Galea kienu joperaw in-negozju tagħhom, l-attur qatt ma ħa azzjoni kontra tiegħu sabiex jiġi ripristinat l-aċċess lli kellu għall-istess fond. Ħassew ruħhom aggravati bil-fatt li t-Tribunal laqa' it-talba tal-attur "*fuq is-sempliċi fatt*" li ma kellux aċċess għall-fond in kwistjoni, u li skarta l-fatt li l-attur baqa' ma għamel xejn biex jottjeni kopja taċ-ċavetta, lanqas għall-finijiet tal-kwistjoni li kellu mal-ARMS Ltd. Jargumentaw illi ladarba l-attur ma wera l-ebda oġġezzjoni għal tali stat ta' fatt, it-Tribunal allura messu kkonkluda li-kont pendenti għandu jitħallas bin-nofs bejn il-partijiet.

9. **Provi:**

***(i) <u>L-attur Joseph Galea:</u>***

- L-attur xehed[2] illi l-fond in kwistjoni 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, ilu mikri lilu personalment mis-sena 1991.

- Spjega li hu u ħuh Alfred Galea (ilum mejjet) kellhom negozju bl-isem <u>Galea Marine Engineering</u>, u li kienu jiġġestixxu dan in-negozju minn fond ieħor bin-numru 9, Church Wharf, Marsa.

- Qal li kienu ġew żgumbrati minn tali fond 9, Church Wharf, Marsa, permezz ta' sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu 2001[3], u li għalhekk għall-ħabta ta' Ġunju 2001 kienu ttrasferew in-negozju tagħhom għall-fond in kwistjoni (9 Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa). Qal li hu u ħuh kienu jużaw dan il-fond għan-negozju tagħhom u li kienu jaqsmu l-profitti u l-ispejjeż.

- Kompla jgħid illi darba minnhom, proprju f' <u>Mejju 2002</u>, huwa mar fuq il-post u sab li ħuh Alfred kien għamel <u>katnazz mal-bieb</u>. Xehed illi meta ċempillu biex isaqsih għaliex għamel hekk huwa wieġbu, "*għax hekk ridt.*" Qal li huwa qatt ma ħa passi kontra ħuh sabiex jerġa' jidħol f' dan il-fond.

- Fl-affidavit tiegħu[4] aċċenna għar-ritratti Dok JG2[5] fejn fil-fatt jidher il-bieb tal-fond imsakkar bl-imsemmi katnazz.

- Qal ukoll illi viċin tal-fond in kwistjoni hemm *shed* u li dan ix-*shed* ħuh Alfred Galea kien ukoll għamillu katnazz sabiex huwa ma jidħolx fih. Osserva wkoll li kien għadda *wire* tal-elettriku mill-fond in kwistjoni għal *shed*. F' dan ir-rigward aċċenna għar-ritratti Dok JG3 (i) u (ii)[6] fejn jidher il-bieb tax-*shed* bil-katnazz u wkoll il-*wire* għaddej mill-fond in kwistjoni għal ġo tali *shed.*

---

[2] Xiehda tal-attur tal-25 ta' Novembru 2014, fol 31-33.
[3] *<u>Saviour Zammit vs Joseph Galea et</u>* (273/94AM), deċiża mill-Q. tal-Appell Superjuri fit-30.03.2001.
[4] Affidavit tal-attur, ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2014 fol 40-41.
[5] Ritratti tal-bieb tal-fond, Dok JG2, fol 43.
[6] Ritratti tax-*shed*, Dok JG3(i) u (ii), fol 44.

- Spjega illi peress illi s-servizz tad-dawl u ilma huwa f' ismu, rinfaċċjat b' din is-sitwazzjoni, kien mar ikellem lil tal-Enemalta u lil tal-Water Services iżda kien ġie infurmat illi biex jitneħħa s-servizz minn fuq ismu kellu jagħtihom aċċess għal dan il-fond, *"iżda dan ma stajtx nagħmlu minħabba li Alfred Galea qatt ma tani ċ-ċavetta għal dan il-katnazz."* L-attur esebixxa korrispondenza bejnu u bejn il-WSC u l-Arms Ltd fir-rigward tal-kwistjoni.[7]

- Qal li minn żmien għal żmien ħuh Alfred kien jitfagħlu l-kontijiet taħt il-bieb tad-dar tiegħu sabiex iħallashom hu.

- Kontro-eżaminat qal li "*Galea Marine Engineering*" hija t-*trade name* tan-negozju tiegħu u ta' ħuh u li "*qatt ma xoljejniha*". Qal ukoll li wara Mejju 2002 dan il-fond baqa' jintuża minn ħuh Alfred Galea biss u hu imbagħad mar għal rasu.[8]

### ***(ii) Saviour Galea (bin l-attur)***

- Saviour Galea fix-xiehda tiegħu[9] ikkonferma li wara li missieru u zijuh Alfred Galea kienu ġew żgumbrati mill-fond 9, Church Wharf Street, Marsa, baqgħu jiġġestixxu n-negozju tagħhom bl-isem Galea Marine Engineering mill-fond in kwistjoni. Qal li jiftakar lil missieru u lil zijuh jaħdmu flimkien f' dan il-fond sa Mejju 2002 meta imbagħad missieru sab l-istess fond magħluq b' katnazz. "*Sa fejn naf jiena missieri ma reġax daħal f' dan il-post minn Mejju 2002 sa llum."*

- Xehed ukoll li viċin tal-fond in kwistjoni hemm *shed* u kkonferma l-verżjoni ta' missieru li dan ix-*shed* kien qed jieħu l-elettriku mill-fond in kwistjoni. Qal li wara Mejju 2002 kien jara lil Alfred Galea kemm fil-fond in kwistjoni kif ukoll f' dan ix-*shed.*

---

[7] Dok JG4 (fol 45), Dok JG5 (fol 36), Dok JG6 (fol 47), Dok JG7 (fol 48), Dok JG8 (fol 49).
[8] Dok JG1, a fol 42, li hija proforma datata 27 ta' Lulju 2005, turi li l-attur kien qed jiġġestixxi negozju bl-isem Galea Marine & General Importers.
[9] Xiehda ta' bin l-attur, Saviour Galea, tal-25 ta' Novembru 2012, fol 34-35.

***(iii) Il-konvenut Carmel Galea, bin id-defunt Alfred Galea:***

- Carmel Galea ippreżenta skrittura[10] datata 22 ta' Mejju 1968 bejn nannuh Joseph Galea, zijuh l-attur Joseph Galea (Junior) u missieru Alfred Galea li permezz tagħha ġie iffurmat *partnership "en nom collectif"* bl-isem ta' Joseph Galea & Sons[11]. Skont l-istess skittura l-indirizz ta' dan il-*partnership* kien 9, Church Wharf, Marsa. Fix-xiehda tiegħu[12] spjega li meta ġie nieqes nannuh, in-negozju (li kien jikkonsisti f' xogħol ta' inġinerija) ġie jgħajjat lil missieru Alfred u lil zijuh, l-attur Joseph Galea[13].

- Ikkonferma illi meta fl-2001 missieru u zijuh ġew żgumbrati mill-fond 9, Church Wharf, Marsa, huma ittrasferew in-negozju tagħhom għall-fond in kwistjoni, 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa.

- Huwa qal li fl-2005 zijuh l-attur Joseph Galea kien għamel kumpanija mal-General Importers Ltd bl-isem ta' Galea Marine & General Importers Ltd[14]. "*Qabel din id-data pero` z-ziju kien diġa qiegħed jinnegozja minn taħt General Importers Ltd biex iħallu lil missieri barra lampa stampa.*"

- Mistoqsi għalfejn missieru għamel il-katnazz, qal li dan kien għaliex kemm-il darba sabu żgassat.

- Qal li n-negozju bejn missieru u zijuh spicca. Kontro-eżaminat qal li minn Mejju tal-2002 missieru qatt ma kompla bin-negozju u ma jafx kienx ħadem taħt isem ieħor. Qal li missieru baqa' jinżel il-Marsa sal-aħħar żminijiet ta' ħajtu. Mistoqsi jekk hu qattx daħal fil-fond in kwistjoni wara Mejju 2002 huwa qal li ma jafx, iżda qal li kien jinżel il-Marsa jfittex il-

---

[10] Dok CG1, fol 51-52, skrittura ppreżentata mill-konvenut Carmel Galea fit-23 ta' Ottubru 2014.
[11] Joseph Galea il-missier kellu 50%, filwaqt li Joseph Galea (Junior) u Alfred Galea kellhom 25% kull wieħed.
[12] Xiehda tal-konvenut Carmel Galea tal-25 ta' Novembru 2014, fol 36-37.
[13] Jidher li f' xi żmien in-negozju bejn l-aħwa ġie jissejjah "Galea Marine Engineering".
[14] Ara Dok CG2, Memorandum of Association, fol 55-58.

missieru, u kien jfittxu fil-ħanut taż-żebgħa li hemm ma' ġenb tal-fond, jew fil-ħanut tat-te li hemm faċċata.

***(iv) Reuben Bonnici (rappreżentant tal-ARMS Ltd)***

- Reuben Bonnici fix-xiehda tiegħu[15] kkonferma li l-*meters* tad-dawl u l-ilma li jinsabu fil-fond 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, qegħdin fuq l-attur Joseph Galea. Spjega li l-biċċa l-kbira tal-ammont dovut tirrappreżenta l-kera tal-*meters.* Huwa ppreżenta żewġ dokumenti: wieħed[16] li juri l-aħħar kont (datat 13 ta' Ottubru 2014) fejn il-bilanċ laħaq is-somma ta' €1,488.08, u l-ieħor[17] li juri *statement* li jibda' mill-2006.

**10. Konsiderazzjoni.**

Din il-qorti, wara li eżaminat il-provi kollha prodotti, wara li rat is-sentenza appellata u qieset l-aggravju tal-konvenuti appellanti u r-risposta relattiva tal-attur appellat, tosserva:

(i) Il-fond numru 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa, huwa mikri lill-attur u s-servizz tad-dawl u ilma f' dan il-post jgħajjat lill-istess attur.

(ii) Mhux minnu dak li eċċipew il-konvenuti, illi l-fond in kwistjoni kien mikri lil Joseph Galea & Sons, in-negozju oriġinali bejn l-aħwa Joseph u Alfred Galea u missierhom Joseph. Fil-fatt kif jirriżulta mill-iskrittura esebita mill-konvenut Carmel Galea stess, meta tali negozju ġie ffirmat fl-1968, l-indirizz ta' fejn kien ser jiġi ġestit tali negozju ġie indikat bħala 9, Church Wharf, Marsa.

(iii) Wara l-mewt tal-missier, in-negozju ġie taż-żewġt aħwa u jidher li dan in-negozju imbagħad beda jissejjaħ Galea Marine Engineering.

[15] Xiehda ta' Reuben Bonnici tas-16 ta' Diċembru 2014, fol 78-79.
[16] Dok RB1, fol 80-81.
[17] Dok RB2, fol 82-83.

(iv) F’ Ġunju 2001 wara li l-aħwa Joseph u Alfred Galea ġew żgumbrati mill-fond 9, Church Wharf, Marsa, ittrasferew in-negozju tagħhom Galea Marine Engineering għall-fond in kwistjoni, 9, Triq is-Salib tal-Marsa, Marsa.

(v) F’ Mejju 2002 jidher li inqala’ diżgwid bejn l-aħwa, u Alfred Galea għamel katnazz mal-bieb tal-fond b’ mod li l-attur Joseph Galea ma setax jaċċedi aktar fih. Skont l-attur, għalkemm huwa kkonfronta lil ħuh dwar dan il-fatt, huwa qallu li kien għamel hekk għax hekk ried jagħmel.

(vi) Alfred Galea mhux biss għamel katnazz mal-bieb tal-fond in kwistjoni iżda għamel ukoll komunikazzjoni tal-elettriku mill-fond in kwistjoni għal *shed* fil-viċin sabiex jinqeda bl-elettriku minn tali fond.

(vii) Wara dan l-inċident in-negozju bejn Joseph u Alfred Galea spiċċa, kif anke jikkonferma Carmel Galea stess, iżda Alfred Galea baqa’ fil-pussess tal-post u anke midħla tal-inħawi sal-aħħar żminijiet ta’ ħajtu (huwa miet fl-2014).

(viii) Aktarx li r-raġuni għalfejn fl-2002 Alfred Galea żamm lill-attur milli jidħol fil-post kienet għaliex induna li kien qed jinnegozja minn wara dahru ma’ General Importers Ltd biex jagħmel kumpanija magħha. (Fil-fatt tlett snin wara ġiet reġistrata l-kumpanija Galea Marine & General Importers Ltd). Li kieku r-raġuni għaliex Alfred Galea għamel il-katnazz kienet, kif xehed Carmel Galea, minħabba li ġieli sab il-bieb żgassat, ma kellux għalfejn jispussessa lil ħuh l-attur. Fi kwalunke każ, ir-raġuni hija rrilevanti għall-vertenza odjerna.

(ix) Huwa minnu li minkejja li ġie spussessat minn dan il-fond l-attur ma ħa l-ebda passi legali sabiex jerġa’ jiġi reintegrat fil-pussess tal-fond. Ikkomunika biss mal-ARMS Ltd u talabha taqta’ l-provvista, iżda biex isir dan wieħed mill-kundizzjonijiet hu li jinqalgħu il-*meters* u l-attur

jilmenta li dan ma kienx possibbli peress li ma kienx f' pożizzjoni jagħti aċċess fiżiku lill-impjegati tal-ARMS Ltd sabiex jaqilgħu il-*meters*.

(x) Il-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom qed jargumentaw illi in vista tal-fatt li l-attur qatt ma wera oġġezzjoni għall-istat ta' fatt, u ladarba qatt ma talab lil ħuh Alfred Galea kopja taċ-ċavetta sabiex isolvi l-kwistjoni li kellu mal-ARMS Ltd, it-Tribunal kien ikun iktar ekwu u ġust kieku kkonkluda li l-kont kellu jitħallas bin-nofs bejn il-partijiet.

(xi) Interessanti wieħed josserva li ir-raġuni li taw l-konvenuti fl-eċċezzjonijiet tagħhom biex jiġġustifikaw għaliex il-kont in kwistjoni għandu jitħallas bin-nofs bejn il-partijiet (u cioe` għaliex il-fond inkera għan-negozju li l-aħwa Joseph u Alfred kienu bdew fl-1968 ma' missierhom u li llum in-negozju huwa tal-partijiet) kienet kompletament differenti mir-raġuni li qegħdin jagħtu issa fir-rikors tal-appell tagħhom biex jiġġustifikaw għaliex il-kont għandu jitħallas bin-nofs bejn il-partijiet (u cioe` għaliex l-attur qatt ma pprova jieħu l-fond lura fil-pussess tiegħu).

(xii) Fi kwalunkwe każ, iż-żewġ raġunijiet li jagħtu l-konvenuti huma infondati:

- fl-ewwel lok, għaliex, kif fuq spjegat, mhux minnu li l-post in kwistjoni nkera għan-negozju li l-aħwa Joseph u Alfred Galea oriġinarjament kellhom ma' missierhom, u lanqas mhu minnu li illum in-negozju għadu tal-partijiet, għaliex kif qal il-konvenut Carmel Galea stess, in-negozju ta' bejn missieru u zijuh spiċċa. Anke l-attur xehed li wara l-2002 imbagħad mar għal rasu.

- fit-tieni lok, għaliex meta f' Mejju tal-2002 Alfred Galea għamel katnazz mal-bieb tal-fond in kwistjoni, huwa **kien ben konsapevoli li b'tali aġir kien qed jikkrea stat ta' fatt fejn mhux biss il-fond innifsu, iżda wkoll il-*meters* tad-dawl u tal-ilma u l-**

**provvista relattiva ġew esklussivament fil-pussess tiegħu, ad eskluzjoni ta' ħuh l-attur Joseph Galea**. Irrispettivament minn x' kienet ir-raġuni li wasslet lil Alfred Galea biex jispussessa lil ħuh mill-fond, u irrispettivament mill-fatt li l-attur Joseph Galea la ħa passi biex jerġa' jiġi reintegrat fil-pussess tal-fond, u lanqas ma kkomunika ma' ħuh biex huwa jippermetti lil tal-ARMS Ltd jidħlu jaqtgħu is-servizz, **bħala konsegwenza tal-aġir ta' Alfred Galea fejn l-fond ġie fil-pussess esklussiv tiegħu, l-ispejjeż relatati mad-dawl u l-ilma tal-istess fond allura ġew ukoll responsabilita` esklussiva tiegħu** (anke jekk huwa invece kien iħalli l-kontijiet taħt il-bieb tad-dar ta' ħuh Joseph u jippretendi li għandu jħallashom kollha hu)[18].

(xiii) L-ammont ta €1,287.49 li qed jitlob l-attur f' din il-kawża jirrigwarda l-kont datat 16 ta' Awwissu 2013[19] (li jkopri l-perjodu sal-25 ta' Lulju 2013). Skont ma jirriżulta mill-i*statement* li ppreżenta Reuben Bonnici mill-ARMS Ltd, l-ewwel entrata kienet fl-2006 u għalhekk fil-perjodu li għalih jirreferi l-kont in kwistjoni is-servizzi kienu fil-pussess esklussiv tal-konvenut Alfred Galea.

(xiv) Ladarba s-servizz tad-dawl u tal-ilma huwa fuq isem l-attur, il-kont jgħajjat lill-attur, u għalhekk għandu jħallsu l-attur, iżda l-konvenuti Josephine, Carmel u Joseph Galea, bħala eredi ta' Alfred Galea, da parti tagħhom għandhom iħallsu lill-attur tali ammont, u, kif qal it-Tribunal, għandhom iħallsuh ukoll l-interessi mid-data li fiha l-attur jagħmel il-ħlas relattiv lis-soċjeta` ARMS Ltd sad-data tal-ħlas effettiv da parti tagħhom.

## 11. <u>Konklużjoni.</u>

---

[18] Ma jirriżultax li l-konvenut Alfred Galea fil-fatt qatt offra li jikkontribwixxi għal nofs l-ispejjeż tad-dawl u l-ilma (kif issa qed jippretendu l-konvenuti odjerni).

[19] Dok JG9, il-kont fl-ammont ta' €1,287.49, fol 50.

**Għal dawn il-motivi din il-qorti qegħda tiċħad l-appell interpost mill-konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-istess konvenuti appellanti.**

Anthony Ellul.